# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-2 t'Ottubru, 2018**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Numru 1467/2018**
**fl-ismijiet:**

**George Delmar (KI 409071 M),**
**Saviour Delmar (KI 161742 M) u**
**Mansueta Delmar (KI 980244 M)**

**vs.**

**Anthony Sammut (KI 58253 M) f'ismu**
**proprio u *A.C.K. Limited* (C5205)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll it-18 ta' Settembru, 2018, (ara foll 1 u 30);

3. Rat ir-risposta datata l-24 ta' Settembru, 2018, (ara foll 38);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6. Illi permezz tar-rikors promotur fuq indikat ir-rikorrenti qed jippruvaw jipprotegu l-bini taghhom hemm indikat billi l-bini fuqu pprospettat ikun ta' periklu ghall-bini tar-rikorrenti billi dan ma jiflahx il-piz li jrid jintrefa' fuqu kif debitament certifikat, (ara foll 6);

7. Illi l-bini pprospettat jikkonsisti f'permess ghall-bini ta' hames (5) sulari fuq il-bini tar-rikorrenti;

8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jsosstnu li l-kostruzzjoni prospettata tkun ta' periklu ghall-bini taghhom billi dan ma jiflahx il-piz li ha jintefa fuqu;

9. Illi l-intimat *pro et nomine* jichad danu jsosstni li l-binja antika li kienet itqal, qatt m'ipprezentat perikolu;

10. Illi l-posizzjoni tal-partijiet involuti hi konfortata minn certifikat ta' perit, (ara foll 6 u 51);

11. Illi pero` ghad irid jigi assikurat li x-xoghol ta' kostruzzjoni involut mhux ser idghajjef l-istruttura proprjeta` tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

12. Illi biex ikun jista' jinhareg Mandat t'Inibizzjoni definittiv jinhtieg li jissussistu s-segwenti rekwiziti:

    12.1. Id-dritt *in prima facie* tar-rikorrenti;

    12.2. Il-htiega ghar-rikorrenti li jinhareg il-mandat in kwistjoni biex jigu protetti d-drittijiet tal-istess rikorrenti;

    12.3. Il-pregudizzju li r-rikorrenti ser isofru;

13. Illi jirrizulta pacifiku li r-rekwiziti elenkati fil-paragrafu precedenti jridu jkunu kumulattivi u mhux alternattivi ghal xulxin;

Ikkunsidrat:

14. Illi minn ezami tad-dokumentazzjoni *in atti* jirrizulta l-ezistenza tad-dritt *in prima facie* tar-rikorrenti, (ara foll 6);

15. Illi *di piu`, stante* li l-ezami odjern hu statutorjament ristrett ghall-ezami sommarju, d-difiza tal-intimat *proprio et nomine* li r-rapport tal-perit tar-rikorrenti mhux wiehed konklussiv, trid issir fil-forum opportun u mhux f'dak odjern;

16. Illi fil-limiti tal-procedura odjerna l-ezami li jrid isir hu wiehed sommarju li jipprekludi lil-qorti odjerna milli tezamina *funditus* il-mertu veru u proprju tal-vertenza kif stradata mill-versjonijiet peritali kontrastanti pprezentati *in atti*;

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tal-premess hi l-fehma konsiderata tal-qorti odjerna li r-rekwiziti rikjesti ghall-hrug tal-mandat in dizamina fuq riferiti jezistu lkoll billi jekk dan ma jinharigx ir-rikorrenti jgarrbu pregudizzju fil-jedd li difficilment ikun rimedjat mod iehor;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

18.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

18.2. Tvarja ghalhekk *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat it-18 ta' Settembru, 2018, fuq riferit, b'mod li issa l-mandat *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

18.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat *proprio et nomine*.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**